**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 16 ta' Frar, 2018**

**Rikors nru: 83/09 MLF**

**John's Garage Limited**

**Vs**

**Kap Kmandant Forzi Armati ta' Malta**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li permezz tieghu talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' €6,200 (sitt elef u mitejn Euro) dovuti minhabba hsara kawzata minnhom lill-vettura proprjeta' tas-socjeta' attrici bin-numru ta' registrazzjoni ABK 316 f'incident li sehh fil-25 ta' April, 2008.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 1710/08 u l-imghax legali sal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

(1) Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda fil-konfront tieghu stante illi l-incident *de quo* ma garax minhabba xi negligenza,

traskuragni, imperizja jew non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess esponenti.

(2) Illi in vista tas-suespost, huma ma jirrispondux ghal danni kif mitlub mir-rikors fir-rikors promotur.

(3) Salv eccezzjonijiet ohra.

B'digriet ta' din il-Qorti tad-19 ta' April, 2010, l-intimat inghata fakolta' li jipprezenta eccezzjoni addizzjonali, u konsegwentement ipprezenta risposta ulterjuri fejn eccepixxa illi:

(i) Il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta m'ghandux jinzamm responsabbli ghad-danni allegatament subiti minn John's Garage Limited stante li hu kien kopert bit-termini u l-kundizzjonijiet mehmuza mal-ftehim tal-kiri tal-vettura ABK 316 li gie ffirmat bejn il-partijiet kontendenti u li jinsabu esebiti fl-atti processwali.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti.

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet tal-konvenut. Is-socjeta attrici ma pprezentatx nota ta' sottomissjonijiet fit-terminu lilha prefiss, ghalkemm giet moghtija l-fakolta minn din il-Qorti biex taghmel dan.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri m'humiex kontestati u huma s-segwenti:

1. Il-konvenut kera minghand is-socjeta attrici vettura tal-marka Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni ABK 316 u dan ghal perjodu ta' hamest ijiem bejn il-21 u s-27 ta' April, 2008.

2. Iz-zewg partijiet iffirmaw il-kuntratt ta' kiri relattiv.[1] Klawsola 4 (i) (d) tal-kuntratt ta' kiri kienet tippreskrivi li l-vettura ma setghetx tintuza mill-konvenut "*for racing, pacemaking, reliability trials, speed testing or driving tuition.*" Klawsola 6 tirregola l-eskluzzjonijiet ghal Collission Damage Waiver (CDW) u fost l-eskluzjonijiet hemm li: *"(f) using the vehicle for any kind of races or competitions, including racing and pace making"* u *"(g) driving the vehicle anywhere other than on authorised roads, like on beaches, in appropriate roads, mountains etc."*[2]

3. Il-konvenut uza din il-vettura sabiex isir Very Important Persons (VIP) Security Course ghal xi membri maghzula tal-Armata, sabiex jitghallmu kif johorgu minn diffikultajiet f'kazijiet ta' sigurta ta' VIPs. Dan il-kors partikolari kien qed isir taht id-direzzjoni tal-Armata Taljana. It-tahrig isir go triq gewwa Hal Far, li kienet tintuza ukoll ghal Go Carts.

4. Dan it-tahrig isir billi tigi kostruwita track, permezz ta' cones tal-plastic, u x-xufier li kien ikun qed isuq il-vettura irid iserrep madwar dawn il-cones. Inzerta li fejn giet kostruwita t-track, kien hemm tumbata jew l-"island" tal-konkos, li kienet pri-ezistenti. Ma kull sewwieq li kien qed jitghallem, kien ikun hemm instructor mieghu fil-vettura.

5. Fil-25 ta' April, 2008, is-sewwieq tal-vettura in kwistjoni, il-bumbandier Alexander Vella mar ghamel rapport l-Ghassa tal-Pulizija ta' Birzebbuga fejn iddikjara li waqt li kien qed jaghmel dan il-kors, u kien qed idur qabad ir-rota ta' wara ma' "island" tal-konkos, inqaleb fuq genb u wara ghal fuq is-saqaf. Dak il-hin is-sewwieq kien akkumpanjat mill-Primo Maresciallo LGT Francesco Corollo.[3]

6. Skond is-surveyor James Mercieca il-vettura kienet "*beyond economical repair*."[4] L-istima tal-hsarat kienet tammonta ghal sitt elef, tmien mija u sitt Euro (€6,806) u l-"wreckage value" tal-vettura kienet tammonta ghal sitt mitt Euro (€600).[5]

[1] Ara dokument AFM 1 a fol. 38 u 39 tal-process.
[2] Ara dokument a fol. 39 tal-process.
[3] Ara Dokument esebit a fol.44 tal-process.
[4] Ara fol.24 tal-process.
[5] Ara fol.3 tal-process.

7. Il-vettura kienet assigurata *fully comprehensive*, u is-socjeta' attrici ghamlet claim mas-socjeta tal-assigurazzjoni taghha, Middlesea Insurance p.l.c., li rrispondiet li l-incident in kwistjoni ma kienx kopert bil-polza tal-assigurazzjoni. Hija rriferiet ghal klawsola fil-polza ta' assigurazzjoni li kienet tillimita l-uzu tal-vettura u tghid *"Use for social and pleasure puroses and for your own business. Excluding use for racing, pace making, reliability, trial or speed testing or use by any person whom the vehicle is hired for the carriage of passengers."*[6] Is-socjeta assiguratrici ikkonkludiet li l-uzu li ghamel minnha l-konvenut u li kkawza l-incident kien jivvjola din il-klawsola.

8. In vista tal-fatt li s-socjeta assiguratrici irrifjutat li tirrimborsa lis-socjeta' attrici ghal hsara li sofriet, is-socjeta attrici fethet din il-kawa ghad-danni kontra l-konvenut.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Ghalkemm f'din il-kawza saret riferenza diversi drabi fuq il-kuntratt ta' assigurazzjoni u ttellghu diversi xhieda tas-socjeta assiguratrici, fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti dawn il-provi huma irrilevanti ghar-rizoluzzjoni tal-vertenza odjerna, stante li din il-vertenza hija biss bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut a bazi tal-kuntratt ta' kiri li ffirmaw, u s-socjeta assiguratrici ma gietx kjamata in kawza. Ghalhekk, il-kompitu ta' din il-Qorti huwa li tara jekk bl-agir tieghu, l-konvenut ivvjolax il-kuntratt ta' kiri ezistenti bejn il-kontendenti.

Din il-Qorti hija ghalhekk tal-fehma li l-ewwel ghandha tiddeciedi l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut u cioe li hu kien kopert bit-termini u kundizzjonijiet tal-ftehim tal-kiri tal-vettura in kwistjoni.

Fl-ewwel lok, is-socjeta attrici qed tissottometti li bil-fatt li l-konvenut uza l-vettura ghal tahrig ghal VIP protection, huwa kiser Klawsola 4(d) tal-kuntratt ta' kiri ghax uza l-vettura ghal *"racing, pacemaking, reliability trials, speed testing and driving tuition."*

Il-Primo Maresciallo Lgt.Francesco Carollo li kien qed imexxi dan t-tahrig spjega illi:-

[6] Ara dokumenti a fol. 9 u 10 tal-process.

*"L'esercizio aveva lo scopo di fare apprendere agli allievi le tecniche per mantenere il controllo di una vettura per poter operare in sicurezza nell'ambito di un Team per la scorta a VIP. Naturalmente, per fare questo esercizio tutti gli allievi devono essere in possesso della patente di guida per auto.*

*Voglio specificare che l'esercizio in questione non comporta alte velocita' e viene eseguito in seconda marcia. Lo scopo dell'esercizio e' di fare compiere all'allievo cambi rapidi di direzione pur mantenendo una bassa velocita'. Per questo esercizio le AFM hanno messo ha disposizione due Peugeot 206. ... ...*

*Alle ore 12.30 del 25 Aprile 2008, mi trovavo in qualita di istruttore abbordo della vettura guidata dal LBdr. Vella A. che, nell'affrontare una curva di 90 gradi a destra a una velocita non superior al 40km/h, saliva erroneamente in maniera decisa sul cordolo con le ruote interne alla curva causando il rovesciamento della vettura."*[7]

Dan huwa ikkorroborat ukoll mill-bombandier Alexander Vella stess, li xehed li ma kienx ghaddej aktar minn erbghin kilometru s-siegha[8]. Skond Vella, l-kawza tal-incident kienet li fil-waqt li kien qed jghaddi kisra ta' disghin grad, ir-rota ta' wara kienet inqabdet max-chicane u nqalbet.

Fid-dawl tal-provi fuq esposti, din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li l-konvenut ma kisirx il-klawsola 4(1)(d) tal-kuntratt ta' kiri. Huwa la uza l-vettura ghat-tlielaq, *"reliability tests, speed testing jew driving tuition".*

Dwar dan l-ahhar uzu, *"driving tuition"* tista' biss tiftiehem l-uzu tal-vettura biex xi hadd li ma jafx isuq jitghallem isuq. Din il-Qorti certament ma tistax tikkondividi s-sottomissjoni tas-socjeta attrici li din tinkludi l-uzu tal-vettura ghat-tahrig ta' xufier li jkollu diga licenzja u esperjenza ta' sewqan, biex dan is-sewwieq jitghallem kif isuq il-vettura f'cirkostanzi partikolari.

Rigward il-kelma *"pacemaking"* li hadd mix-xhieda prodotti mis-socjeta attrici, lanqas dawk li jahdmu mas-sigurta assiguratrici, ma kien jaf jispjega x'inhi, l-Oxford dictionary

[7] Ara affidavit a fol. 93 tal-process.
[8] Ara xhieda a fol. 65 tal-process.

jiddefinixxi *"pacemaker"* bhala *"A person or animal who sets the pace at the beginning of a race, sometimes in order to help a runner break a record."* Kif diga inghad, fil-kaz odjern il-konvenut ma uzax il-vettura ghal xi tellieqa, u ghalhekk certament ma sarx uzu tal-vettura ghal *"pacemaking"*.

Is-socjeta attrici tallega wkoll li l-konvenut kiser klawsola 6(g) tal-kuntratt ta' kiri ghax saq il-vettura mhux f'*"authorised road"*. Mix-xhieda ta' Manwel Darmanin, in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-Artijiet, l-art li fiha sehh l-incident hija amministrata minn Malta Industrial Parks Ltd., korporazzjoni pubblika, pero ma kienx jaf kinitx triq privata jew le. Pero qabel ma ghaddiet ghand il-Gvern Malti, il-post kollu in kwisjoni kien runway li kienet tintuza mill-Forzi Armati Amerikani.[9] Mill-provi jirrizulta wkoll li t-triq fi zmien l-incident kienet tintuza ghal Go Carts u minnha kienu jghaddu diversi vetturi ohra bhal containers u trakkijiet. Dan gie konfermat mill-bomandier Alexander Vella, is-sewwieq tal-vettura,[10] kif ukoll il-Lgt. Francesco Carollo.[11] Mix-xhieda mhux kontradetta ta' Vella, jirrizulta li ghal dan il-kors kien ukoll inbena *track* appositament u c-chicane kien jezisti qabel ma nbena dan it-*track*[12] u fit-triq ma kienx jidher li kien hemm xi grada jew xi konfini biex tillimita l-accessibilita' lil minn ikun gej lejn Hal Far.[13] Ix-xhieda ta' Vella hija korroborata mix-xhieda tal-Primo Maresciallo Lgt.Francesco Carollo xehed hekk *"L'esercizio si e tenuto in Hal Far in una proprieta pubblica poiche non c'erano segnali che indicassero che la proprieta fosse soggetta a restrizioni o fosse private. Oltre tutto c'era traffic limitato di furgoni, camion e macchine che passavano nel luogo utilizzato per l'esercizio."*[14]

Konsegwentement, anke l-allegazzjoni li l-konvenut kien qed isuq fi triq mhux awtorizzata ma gietx debitament pruvata mis-socjeta attrici.

Fid-dawl tal-konsiderazzjoniet suesposti ma giex ippruvat li bl-uzu li l-konvenut ghamel tal-vettura, huwa kiser xi wahda mill-kondizzjonijiet tal-kuntratt ta' kiri.

Dan nonostante, li l-konvenut ikkaguna danni lill-vettura lilu mikrija. Klawsola 5(d)(i) tal-kuntratt ta' kiri in kwistjoni tippreskrivi hekk:

[9] Ara xhieda a fol.78 tal-process.
[10] Ara xhieda a fol. 66 tal-process.
[11] Ara xhieda a fol.93 tal-process.
[12] Ara xhieda a fol. 66 tal-process.
[13] Ara xhieda a fol.81 tal-process.
[14] Ara xhieda a fol. 93 tal-process.

*"Hirer expressly acknowledges personal liability to pay lessor on demand: … …*
*(d) Lessor's costs to repair collision or other damages to vehicle provided however hirer's liability for such damage:*
*(i) shall not exceed the maximum liability of LM200 in accordance with vehicle type or group as established from time to time by the lessor;*
*(ii) shall be waived if hirer has purchased in advance the collision damage waiver access as evidenced by his initials in the box provided for such purpose on the rental agreement overleaf."*

Mill-kuntratt ta' kiri ma jirrizultax li l-konvenut hallas minn qabel il-*collision damage waiver* (CDW), u dan il-fatt lanqas huwa kontestat mill-konvenut.

Il-konvenut ma ressaqx provi x'kien il-massimu ta' hlas li kellu jaghmel ghat-tip jew grupp ta' vettura li kera skond kif stabbilit mis-socjeta attrici, u fin-nuqqas ta' din il-prova, din il-Qorti trid bil-fors tapplika l-massimu skond kif stabbilit fil-kuntratt ta' kiri. Del resto, fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, il-konvenut ukoll jissottometti – bla pregudizzju ghas-sottomissjonijiet precedenti tieghu – li jekk din il-Qorti issibu responsabbli ghall-hsara tal-vettura *de quo,* il-massimu li jista' jkun ikkundannat ihallas ma jistghax jeccedi l-ammont ta' €465.88 (ekwivalenti ghal LM200.00)

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet suespost, din il-Qorti m'ghandhix ghalfejn tinoltra ruhha fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut fir-risposta tieghu.

**<u>Konkluzjoni</u>**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-konvenut;
2. Tilqa' limitatament l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut fit-termini tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti,
3. Tilqa' limitatament it-talba attrici fit-termini tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti,
4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erba mija u hamsa u sittin Euro u tmienja u tmenin centezmu (€465.88) – ekwivalenti ghas-somma ta' mitejn Lira Maltija (Lm200.00), bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

5. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali numru 1710/08, ghandhom jigu subiti kwantu ghal disa' (9) partijiet minn ghaxra (10) mis-socjeta attrici, u kwantu ghal parti wahda (1) minn ghaxra (10) mill-konvenut.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**